**17 ta' Marzu, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**
**Emmanuele Mifsud Ellul**
*versus*
**Antonio Abela et.**

**Retratt — Spejjeż Rimborżabbli lir-Retrattarju — Art. 1511, 1508(2), u 1498(2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hemm lok għar-retratt bit-titolu tal-konsangwineità, meta l-fond mibjugħ u rkuprat kien jappartjeni lil axxendent komuni għal min biegħu u għal min irkuprah, u fiż-żmien bejn meta kien hekk jappartjeni u meta sar l-irkupru l-istess fond qatt ma ġie trasferit lil persuni li ma kienux neżlin minn dak l-axxendent.*

*Mhix bżżejjed, biex tinfiċja l-validità tal-eżerċizzju tar-retratt, l-allegazzjoni li l-irkupru sar bl-intenzjoni ta' profitt, u mhux biex il-fond jiġi konservat fil-familja; għaliex, skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti, ir-rigur tal-liġi li tipprojbixxi l-eżerċizzju tal-irkupru fl-interess ta' ħadd ieħor ġie temperat fis-sens illi min jeżerċita r-retratt ġentilizju mhux obligat iżomm il-fond għalieh, imma jista' jiddisponi minnu bi profitt, anki jekk dan kien il-ħsieb tiegħu qabel l-irkupru; basta ma jkunx ftiehem minn qabel ma' ħadd ieħor li għandu jittrasferilu l-fond.*

*Jekk il-fond irkuprat kien ġie akkwistat minn tnejn minn nies, u qabel l-irkupru wieħed minnhom ċeda sehmu lill-ieħor, mhux aċċettabbli li r-retraent, għall-kundanna għar-rivendizzjoni, imissu ħarrek lil dak biss li sar proprjetarju waħdu tal-fond minħabba dak it-trasferiment, billi hu kien jaf b'dak it-trasferiment, jekk l-istess trasferiment ma jkunx ġie notifikat lir-retraent mill-akkwirent tiegħu per mezz ta' att ġudizzjarju. Ladarba din in-notifika ma tkunx saritlu, ir-retraent ma hux obligat ma jħarrekx anki lil dak li ċeda sehmu lill-ieħor, ladarba dak iċ-ċedent jinsab parti fiċ-ċedola tal-irkupru; salv kull provvediment ieħor in konnessjoni mal-likwidazzjoni u ħlas tal-prezz u l-ispejjeż fir-rivendizzjoni tal-istess fond.*

*Jekk ebda prova ma tkun saret dwar liema spejjeż huma rimborżabbli l-r-retrattarju u dwar il-likwidazzjoni tagħhom, jingħataw il-provvedimenti opportuni biex dan il-ħlas ta' spejjeż isir qabel ir-rivendizzjoni; bil-kundanna ta' dak li jkun ċeda sehmu li jkun preżenti għall-att tar-rivendizzjoni u tal-iżbank konsegwenzjali, speċjalment għall-fini ta' kwalunkwe kunsens li jkun neċessarju li jippresta skond il-liġi.*

**Il-Qorti:**— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premess illi l-konvenuti, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius tat-28 ta' Jannar 1957, xtraw minn għand Giuseppina mart Adeodato Brincat l-għalqa fill-limiti ta' Ħal Qormi, kuntrada "tal-Għaqba", u hekk imlaqqma, tal-kejl superfiċjali ta' 4 ti tmiem, siegħ u ħames kejliet, tmiss mill-lvant u nofsinhar ma' toroq, u mit-tramuntana ma' raba' ta' Giorgio Mercieca, jew irjieħ verjuri, bħala libera u franka minn kwalunkwe piż, gravami u ipoteka, u bid-drittijiet, ġus u pertinenzi tagħha kollha, bil-prezz ta' £500 (dok. A); u peress illi dik l-għalqa kienet tappartjeni lil Salvatore Mifsud Ellul, missier l-attur u l-imsemmija venditriċi, u għalhekk l-attur, b'ċedola tal-14 ta' Ġunju 1957 (dok. B), irkupra minn għand il-konvenuti l-għalqa fuq indikata bit-titolu tal-konsangwineità u bi kwalunkwe titolu ieħor validu fill-liġi lilu talvolta kompetenti; u peress li l-konvenuti, avvolja nterpellati b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Lulju 1957 (dok. C), baqgħu ma għamlux ir-rivendizzjoni a favur tal-attur; talab (a) li jiġi dikjarat u deċiż illi lill-attur jikkompeti d-dritt tar-retratt fuq l-għalqa "tal-Għaqba" f'Ħal Qormi, fuq imsemmija u deskritta, u akkwistata mill-konvenut b'xiri fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius fit-28 ta' Jannar 1957. bit-titolu tal-konsangwineità; (b) li jiġi dikjarat u deċiż illi l-attur eżerċita validament id-dritt ta' retratt lilu kompetenti u fuq indikat, biċ-ċedola tal-14 ta' Ġunju 1957; (ċ) li l-konvenuti jiġu kundannati biex fi żmien qasir u perentorju jirrivendu lill-attur l-għalqa "tal-Għaqba" f'Ħal-Qormi fuq indikata, skond il-liġi, billi r-rivendizzjoni, in difett, tiġi dikjarata avvenuta bis-saħħa tal-istess sentenza. Salv kull provvediment li din il-Qorti tagħti dwar il-likwidazzjoni u depożitu ta' kull spiża leġittima talvolta

erogata u dovuta lill-konvenuti in konnessjoni mal-vendita li tat lok għar-retratt. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Lulju 1957, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel domanda;

Illi ma jidherx li hemm kontestazzjoni rigward it-titolu tal-konsangwineità nvokat mill-attur. Del resto, jirriżulta mix-xhieda tal-istess attur (fol. 15) illi l-venditriċi tal-fond, Giuseppina Brincat, hija oħtu, u dan il-fond ġie lilha mid-diviżjoni li saret fl-atti tan-Nutar Joseph Agius fit-18 ta' Lulju 1955, kif jidher mill-kuntratt tal-bejgħ eżibit a fol. 5 tal-proċess. Mbgħad, ma ġiex pruvat li dan il-fond, mindu kien jappartjeni lill-axxendent komuni sal-bejgħ, qatt ġie trasferit lil persuni li ma kienux neżlin minn dak l-axxendent. Konsegwentement jirrikorru l-elementi rikjesti għall-irkupru skond l-art. 1511 tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni domanda;

Illi, fl-ewwel lok, il-konvenuti eċċepew li l-attur irkupra l-fond għal ħadd ieħor, u għalhekk jinkombi lilhom il-piż tal-prova; iżda, fil-fehma tal-Qorti, dil-prova ma saretx. Fid-dibattitu orali, il-konvenuti ssottomettew illi l-irkupru ma ġiex eżerċitat mill-attur biex jikkonserva l-fond fil-familja, iżda biex jerġa jiddisponi minnu bi profitt; din l-intenzjoni, pruvata mill-konvenuti, mhix biżżejjed biex tinfiċja l-irkupru; għaliex, skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti, ir-rigur tal-liġi li tipprojbixxi l-eżerċizzju tar-retratt fl-interess ta' ħadd ieħor ġie temperat, fis-sens illi min jeżerċita r-retratt ġentilizju mhux obligat iżomm il-fond għalih, imma jista' jiddisponi minnu bi profitt, anki jekk dan kien il-ħsieb tiegħu qabel l-irkupru: basta ma jkunx ftiehem "minn qabel" ma' ħadd ieħor li għandu jittrasferilu l-fond; għaliex allura jkun jidher li jkun irkupra l-fond għal ħadd ieħor kontra l-liġi (arg. art. 1508 (2) Kod. Ċiv.). Ara Kollez. XXV-I-62; XXV-II-39; XXXVII-I-159. U l-prova ta' dan il-ftehim preventiv ma saritx;

Illi fit-tieni lok, u b'mod subordinat, il-konvenuti

eċċepew li l-attur sa minn qabel iċ-ċitazzjoni kien jaf illi l-konvenut Abela kien ċeda sehemu mill-fond "de quo" lill-konvenut Baldacchino, u għalhekk taw ad intendere li Abela ma kienx imissu jiġi mħarrek. Qabel xejn, għandu jingħad li din l-allegazzjoni ma tirriżultax pruvata; anzi rriżulta illi wara l-ittra uffiċjali tal-attur tat-23 ta' Lulju 1957 iż-żewġ konvenuti marru jkellmu lill-attur biex jittrattaw miegħu dwar ir-rigal biex iħallilhom l-għalqa, u ma rriżultax li qalulu li Abela kien ċeda sehmu lil Baldacchino; bil-fatt stess li marru ikellmuh it-tnejn flimkien urewh li l-fond kien għadu tagħhom it-tnejn. Wara kollox, anki jekk, "ex hypothesi", l-attur kien jaf b'dak it-trasferiment, ma jirriżultax li l-konvenuti nnotifikawh bih per mezz ta' att ġudizzjarju (art. 1498(2) Kod. Ċiv.); u għalhekk l-attur ma kienx obligat ma jħarrekx lill-konvenut Abela, ladarba huwa jinsab parti fiċ-ċedola tal-irkupru (ara każ simili Kollez. XXIX-II-754); salv dejjem kull provvediment ieħor, kif sejjer jingħata l-quddiem;

Ikkunsidrat, dwar it-tielet domanda;

Illi, flimkien maċ-ċedola ta' rkupru (fol. 7), ġew depożitati biss il-prezz tal-bejgħ u l-imgħax legali fuqu, iżda ma jirriżultax li d-depożitu ġie reintegrat in konformità mal-art 1499 tal-Kodiċi Ċivili; u kien għalhekk li l-attur fiċ-ċitazzjoni aċċenna għal kull provvediment ta' dil-Qorti dwar il-likwidazzjoni u depożitu ta' kull spiża leġittima talvolta erogata u dovuta lill-konvenuti in konnessjoni mal-bejgħ li ta lok għall-irkupru; u billi ebda prova ma saret ta' din ix-xorta ta' spejjeż, almenu f'ammont ċert u likwidu, il-Qorti sejra tgħaddi għall-provvediment infraskritt, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza l-aktar reċenti (Kollez. XXXIII-I-390);

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Tilqa' l-istanza proposta mill-attur, billi tikkundanna lill-konvenut Baldacchino li jagħmel favur l-istess attur,

fl-atti tal-Qorti, ir-rivendizzjoni tal-fond fuq deskritt, fi żmien ħmistax il-ġurnata mil-lum; u fin-nuqqas, ir-rivendizzjoni għandha tiftiehem li saret bis-saħħa ta' din-sentenza; b'dan, però, li fil-każ li l-konvenut Baldacchino javanza xi pretensjoni dwar l-ispejjeż neċessarji jew utili li hu ħareġ għall-fond retratt, dak it-terminu għandu jibda jgħaddi mill-ġurnata li l-attur ikun iddepożita favur l-imsemmi Baldacchino, jew ikun ħallas lil dan, l-ispejjeż dovuti skond il-liġi; u billi tikkundanna lill-konvenut Abela li jkun preżenti għall-att tar-rivendizzjoni u tal-iżbank konsegwenzjali, speċjalment għall-fini, ta' kwalunkwe kunsens li jkun neċessarju li jippresta skond il-liġi; u f'dan is-sens tilqa' t-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni.